**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 292/19 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**AB**

**Illum 24 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

AB ta' 26 sena bint Oli Omar u Gloria nee Pisani imwielda l-Pieta' nhar il-15 ta' Lulju 1992, residenti Zack, Flat 1, Triq ic-Cawsli, Zabbar detentur tal-karta tal-identita' numru XXXXM.

Akkuzata talli nhar l-14 ta' Mejju 2019 fil-hinijiet ta' bejn is-sitta ta' filghodu u t-tmienja u nofs ta' filghodu gewwa Haz Zabbar

1. Hebbet ghas-sieheb taghha CD u ghamlitlu griehi ta' natura gravi hekk kif iccertifika t-tabib Dr Andre Mercieca (Med Reg 3229) liema gerha giet maghmula bi strument li jaqta jew iniggez (sikkina);

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohorg ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra AB a beneficcju ta' CD u dan skond kif hemm mahsub fl-artikolu 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija, mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghal persuna ta' CD jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **AB** b'obbligazjzoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li thoiss xieraq.

Il-Qorti hija finalement gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi tordna lill-imsemmi **AB** sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 15 ta' Mejju 2019.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' fedina penali tal-imputata – Dok A, dikjarazzjoni tal-imputata dwar id-dritt tal-parir legali datata l-14 ta' Mejju 2019 – Dok B, estratt tac-certifikat tat-twelid tal-imputata – Dok D, rapport tal-Pulizija dwar il-kaz dok E, zewg certifikati medici tal-allegat vittma – dok F u G, zewg certifikati medici tal-imputata – dok H u Dok I, karta tal-identita tal-imputata – Dok J, passaport tal-imputata – dok EH2, process verbal 491/19, rapport maghmul minn Dr Michael Spiteri dok MS1, rapport ta' Dr Marisa Cassar dok MC1, dok SA1 – usb.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil Manuel Scicluna, Spettur Paul Camilleri, Spettur Eman Hayman, Nadia Ciappara, CD, Dr Darren Borg, Dr Marisa Cassar, Dr Andre Mercieca, Dr Sarah sant, Dr Gianluca Bezzina, Dr Michael Spiteri, xehdet ukoll l-imputata AB fil-prezenza tal-avukat taghha.

Rat l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, cioe':

1. Fl-artikoli 214, 215, 217, 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputata tat il-kunsens taghha ghal proceduri sommarji.

**Ikkunsidrat**

Xehed **Manuel Scicluna** u qal li huwa l-propjetarju ta' appartament fejn toqghod l-imputata. Kien mar fuq il-post minhabba li kien gie infurmat li kien hemm xi storbju jew glied gej mill-appartament. Meta habbat u fethet l-imputata ra li kellha d-demm fuqha fejn qaltlu li kienet tat daqqa ta' sikkina izda huwa ma kienx emmen dak li qalet ghax ma kenitx qalet lil min. huwa dahal gewwa biex jara jekk kienx hemm xi hsara izda ma sab xejn. Huwa kkonferma meta gie muri ritratti tal-imputata li kellha griehi fuq wiccha. Fil-fatt huwa nnota li hija kienet fi stat ta'

paniku dak il-hin fejn anki ra li kien hemm is-sallatra mal-art li skont hu xi hadd sabbat il-bieb bis-sahha u waqghet.

Xehed **l-Ispettur Paul Camilleri** fejn qal li kien gie nfurmat wara rapport li persuna kienet qeghda tigi kkurata minhabba li qalghet daqqa bi strument bil-ponta. Meta beda jipprova jitkellem ma' din il-persuna hija ma bdiet tghid xejn. Wara kien dahal rapport iehor mic-centru tas-sahha tal-Floriana li kien hemm persuna femminili li dahlet b'xi griehi. Meta giet mitkelma hija kkonfermat li kienet taf min kien dan C u cioe' l-parte civile li kellu xi griehi fuqhu. Hija giet arrestata minhabba li setghet kienet involuta mal-griehi li kellu C. Hija qaltlu li dan C kien gie ihabbat il-bieb taghha izda hija pruvat iccempel lil Pulizija izda xorta fethet il-bieb ta' barra. C ried ikollu x'jaqsam maghha izda hija ma rieditx u kien dak il-hin li qamet kommossjoni u ta daqqa f'wiccha u anki qabadha minn ghonqa. Hija marret fil-kcina u qabdet borma u bdiet taghti biha. Hin minnhom qabdet sikkina u bdiet tfajjar biha. Hin minnhom qabdet sikkina u bdiet tfajjar biha fejn huwa gie fuqha u dahhala go fih. Meta gie mistoqsi dwar x'kienet ir-raguni ghala C ma kienx mar mill-ewwel jitlob l-ghajnuna minhabba l-griehi li kellu, ma kien qallu xejn. Dan seta' kien minhabba l-problema tal-lingwa u meta kien qal lill-imputata li dan kellu ferita gravi, dehret fi stat ta' paniku.

Xehed ukoll **l-ispettur Eman Hayman** semma li kien gie infurmat li kien hemm persuna li kellha ferita gravi maghmula bi strument bil-ponta dan wara argument li nqala gewwa appartament. Huwa kellem ukoll lill-imputata kif ukoll lil parte civile sabiex jistabilixxi dak li gara. Minn naha tal-parte civile stqarr li kellu argument mal-imputata u ftit wara marret gabet sikkina u bdiet taghtih biha kif ukoll anki b'imqass. Huwa kien resaq lejha sabiex jikkalma izda kienet aggressiva lejh. Minn naha tal-imputata qalet li hija kienet ghamlet diversi rapporti kontra l-imputat minhabba fastidju. Illi dakinhar sfat imbuttata minn wiccha mill-parte civile. Illi skont l-istess parte civile u l-imputata kienu qalulu li kienu jghixu flimkien. L-istess imputata kellha wkoll xi griehi.

**Nadia Ciappara** li fl-isem ir-Registratu esebiet process verbal bin-numru 461/2019 liema numru gie kkoregur fix-xhieda taghha tal-11 t'Awwissu 2020 ghal 491/2019.

**CD** ghazel li ma jixhidx fil-konfront tal-imputata ghal raguni li seta' jikkrimina lilhu nnifsu.

**Dr Darren Borg** li huwa tabib kien ezamina lill-imputata fejn irrizulta li kellha qata fil-wicc, tbengil fin-naha ta' gewwa tal-id ix-xellugija u fin-naha ta' gewwa tas-sieq il-leminija fejn gew klassifikati bhala gravi. Illi rigward ilplezjoni li kellh f'wiccha seta' kienet kagun ta' daqqa ta' ponn.

**Dr Andre Mercieca** ezamina lil parte civile fejn ikkonferma li kien hemm lacerazzjoni fin-naha tax-xellug ta' wara ta' rasu li setghet giet maghmula minn daqqa.

**Dr Marisa Cassar** ikkonfermat ir-rapport taghha li jinsab a fol 54 sa 57.

**Dr Sarah Sant** ikkonfermat ic-certifikat li jinsab a fol 17.

**Dr Gianluca Bezzina** ikkonferma c-certifikat a fol 19. Huwa kien ezamina lill-imputata fejn hareg li kellha ksur fil-base tas-subgha tan-nofs.

**Dr Michael Spiteri** esebixxa rapport minhabba li kien gie mahtur fl-inkjesta magisterjali fejn kien ezamina lil parte civile. Illi l-parte civile kellu lacerazzjoni fir-ras twila fuq in-naha tax-xellug, abbrazzjoni fuq in-naha tal-lemin tal-genb tar-ras fost griehi ohrajn. Kellu wkoll ferita maghmula bi strument bil-ponta li kienet wiesgha 40 millimteru fuq in-naha t'isfel tas-sider li tinfed sal pulmun. Illi skont ma' qallu l-parte civile, kellu argument mal-imputata u f'waqt minnhom giet b'sikkina u tatu daqqa fuq sidru. Meta kien fil-kcina spicca wkoll jaqla xi daqqiet fuq rasu. Wara li hareg minn gewwa r-residenza taghha mar ghand siehbu fejn hadu l-polyclinic.

**Dr Marisa Cassar** esebiet relazzjoni taghha dok MC1

L-imputata ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri fejn qalet li hija kellha relazzjoni mal-parte civile li damet ghal ftit xhur. Wara ftit xhur din ir-relazzjoni marret hazin fejn kien hemm okkazzjonijiet li kellha taghmel rapporti mal-Pulizija kontrih. Hija marret tghix gewwa Haz zabbar vicin l-ghassa ghax kienet qeghda tibza minnu. Hija kienet kriet il-post ghaliha u ghat tifel taghha. Dakinhar tal-incident il-parte civile kien gie wara l-bieb taghha u dan ma kienx l-ewwel darba li jaghmel hekk. Hu ma riedx li jispicca minn maghha. Hija kienet spiccat tghix dejjem fil-biza minhabba fih. Il-parte civile beda jhabbat il-bieb u dan kien filghodu kmieni. Ghalkemm dam ihabbat il-bieb spiccat tiftah ghax qallha li ried ikellimha. Huwa dahal u ried li jkollu x'jaqsam maghha u meta ma rieditx qaltlu li kienet sejra ccempel il-Pulizija. Is-sitwazzjoni mieghu kienet affetwata jazin u ghajjieta. Kien dan il-hin li ta daqqa ta' ponn fejn hija pruvat tahra minnu u hu beda jdur minn kamra ghall-ohra. Hu beda jissussa mal-bank tal-kcina u qabdet sikkina biex tbezzghu u kien hu li dahhak is-sikkina. Hi ma kenitx marret ghas-sikkina ghax kienet fuq il-bank. Hi bdiet ixxejjer biha biex tbezzghu u kien hu stess li dahhala gewwa fih. Kien dak il-hin li huwa telaq mid-dar u hi marret fil-kcina. Wara dan l-incident xorta baqa jigi wara l-bieb taghha u jdejjaqha u fil-fatt spiccati tigbed filmati ta' dak kollu li kien qieghed jigri. Dan suppost wara li kien qala daqqa ta' sikkina zmien qabel u meta kienet diga tresqet il-Qorti (ara dok SA1). In kontro-ezami qalet li wara li dak li gara marret biex iccempel lill-omma. Hija kienet fi stat ta' paniku dak il-hin. Hija ma kenitx marret l-ghassa u hasset li kien zball li m'ghamlitx hekk. Hija ma kenitx qeghda tafda fil-fatt jekk il-Pulizija jiehdux passi kontrih. Hija ma kenitx taf xi griehi kellu l-parte civile u kienu l-Pulizija li qalula x'kellu u kien dak il-hin li spiccat taht arrest.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz gara li l-imputata kienet gewwa r-residenza taghha meta gie jhabbat il-bieb tar-residenza taghha l-parte civile. Illi l-imputata kellha relazzjoni mal-istess parte civile pero' din spiccat ghalkemm min-naha tieghu dan ma kienx accetta li tispicca. Illi l-verzjoni tal-fatti ta' seta' gara dak in-nhar tal-kaz, huwa ibbazat fuq dak li qalet l-imputata. Illi min-naha tal-parte civile ghalkemm ta l-verzjoni tieghu lill-esperti mahtura fl-inkjesta, huwa ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri minhabba l-biza li seta jikkrimina lilhu nnifsu. Illi skont ma' qalet l-istess

imputata fix-xhieda taghha, il-parte civile ma kienx l-ewwel darba li hija giet fastidjata minnhu wara li temmiet ir-relazzjoni minn mieghu. Illi fil-fatt anki fil-mori ta' dawn il-proceduri rega' mar ghandha u kella tirregsitra kollox minhabba l-biza li hija ghandha fil-konfront tieghu. Illi gara li fil-kaz odjern, li l-parte civile mar ihabbat il-bieb taghha ghal diversi hin fejn spiccat fethet. Inqala argument bejniethom u dan minhabba l-fatt li hu ried ikollu x'jaqsam maghha u hija rifjutat li taghmel dan. Wara dan hija spiccat qalghet daqqa fuq wicca tant li telqet tigri fil-kcina u gie warajha. Kien dan il-hin li huwa spicca qala daqqa b'sikkina li skont hi sabet wahda fuq il-bank u bdiet ixxejjer biha biex tbezzghu. Illi skont hi hu resaq ghal fuqha u dahhal is-sikkina gewwa fih. Wara dan kollu huwa telaq minn fuq il-post u mar ghand habib tieghu li spicca hadu gewwa c-Centru tas-Sahha minhabba l-griehi gravi li kellu.

**Ikkunsidrat**

L-imputata fix-xhieda taghha ma negatx li hija ma kellhiex sikkina f'idejha dak il-hin li sehh l-argument. Illi l-unika stat ta' fatt hu li l-parte civile spicca b'ferita gravi izda ezatt kif svolgew il-fatti min-naha tieghu ghazel li ma jixhidx. Illi ghalhekk jibqa' biss dak li qalet l-istess imputata. Illi fl-istess hin xehed is-sid tal-appartament li mar fuq il-post u ra lilll-imputata bid-demm u skont hu qaltlu li tat daqqa ta' sikkina li xi hadd izda ma emminiex. Deher ukoll li huwa dahal gewwa sabiex jara jekk kienx hemm hsara fil-post izda ma rrizultax li huwa cempel lil Pulizija dak il-hin sabiex jaghmel rapport fuq dak li qaltlu. Il-Pulizija saru jafu biss wara li l-parte civile mar jiddewwa minhabba l-griehi li kellu u anki hi gewwa c-Centri tas-Sahha. Illi huwa fatt importanti, li l-imputata kienet ghamlet diversi rapporti kontrih u jidher li ma ttiehdu ebda passi kontra l-istess parte civile minhabba l-fastidju li kien qieghed jaghmel kontriha. Illi min-naha l-ohra baqa' l-fatt li anki wara dawn il-proceduri, l-istess parte civile rega' mar ghandha fejn esebiet recordings ta' dak li qieghed jigri u dan allavolja ghal fatt li spicca b'ferita gravi bi strument bil-ponta.

Illi l-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha ma temminx il-verzjoni li tat l-istess imputata ghal dak li gara u dan specjalment li l-istess parte civile ghazel li ma jixhidx kontriha. Ukoll huwa fatt li l-istess parte civile kompla jaghti fastidju anki wara li spicca qala daqqa ta' sikkina. Illi l-imputata kienet gewwa ir-residenza taghha u ghalkemm fethet il-bieb b'mod volontarju, ma tarax ghalfejn hija ma' jkollhiex is-serhan tal-mohh li ma jigrilha xejn gewwa dahra. Illi mhux talli hekk, li hija spiccat aggredita tant li garbet feriti minhabba l-aggressjoni tieghu fuqha. Illi l-Qorti tara li dan il-kaz kien ta' sitwazzjoni ta' legittima difiza meta hija spiccat aggredita, wara wkoll li hija ghal diversi zmien qabel kienet suggetta ghal fastidju li hajitha spiccat imkissra. Illi mhux talli li hija ma kellha ebda intenzjoni li twassal ghal xi feriti gravi, illi anki min-naha tal-istess parte civile rega' mar ghandha biex jaghti fastidju u ma bezax.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak li hemm fl-artikolu 223 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jghid li '*Ma hemmx reat meta…l-offiza fuq il-persuna huma…mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.'* Dan peress illi la darba jigi ppruvat illi l-imputata agixxiet b' dan il-mod sabiex tiddefendi ruhha minn l-aggressjoni tal-parte civile, minghajr l-intenzjoni illi tikkaguna ebda offiza jew hsara fuq il-persuna tieghu, allura skont ma

hemm fl-Artikolu 223 tal-Kap 9, ma sehh ebda reat. Huwa ghalhekk opportun illi wiehed jezamina bir-reqqa l-elementi rikjesti mill-ligi, sabiex tigi nvokata d-difiza tal-legittima difesa. F' dan l-istadju, ssir referenza ghall-kazistika. Il-principju tal-leġittima difiża gie ampjament spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Roseanne Debattista) vs Tony Curmi et deciza fis-27 ta' Gunju 2017**, fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali irrimarkat:

> *"Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b' forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjega* ***Antolisei*** *–*
>
> *occorre in fine che l' aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale."*
> *Fil-**Manuale di Diritto Penale Generale** pg 261, insibu li "pericolo attuale e' il pericolo presente."*
> *[...]*
> *Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqgħuha. Ċioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f' dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b' mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioe li f' dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b' xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x' seta' għamel jew x' messu għamel jew x' messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza.*
>
> *Fil-fatt kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu:*

*"the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioe imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit; [...] [...][F]id-difesa leġittima, huwa m' għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn [...] għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioe l-imputat. Rinfaċċjat b' perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f' dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f' ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u* errors of judgement*."*

Fil-kawza fl-ismijiet, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martina Galea,** deciza fl-14 ta' Jannar 1986**,** il-Qorti rreteniet illi

*"… huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita' , meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could."*

Ili anke l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kellha okkazjoni sabiex titkellem dwar din id-difiza. Difatti fis-sentenza moghtija mill-imsemmija Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvu Psaila,** deciza fid-9 ta' Novembru 1963 inghad illi:-

*Il-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:*

1) *Id-deni li jigi repellit mill-agenti jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jircievi l-vjolentat eppure min b' l-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita pjena jew shiha;*

2) *Id-deni jrid ikun attwali u prezenti filwaqt tar-reazzjoni; u fl-ahharnett li*

3) *Id-deni jkun inevitabbili l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita` tad-difiza r-reazzjoni ta' min igib ' il quddiem il-"feci sed jure feci" ma jistax jghid li jkun ipprova llegittimita` ta' l-att ' per se' antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravita u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naha l-ohra)… irid ikun hemm proporzjonalita…*

Mill-provi prodotti rrizulta illi filfatt kien l-istess parte civile li kien il-kagun ta' din it-tilwima. Illi hareg fil-fatt li kien hemm diversi rapporti kontrih minhabba fastidju u mhux talli hekk li anki wara l-kaz xorta wahda baqa' jippersisti jigi warajha. Illi ll-fatt li hija ma xtaqitx li jkollha x'taqsam mieghu kif ukoll li anki spiccat qalghet daqqa fuq wiccha, hija ma kellhiex triq ohra li tipprova tiddefendi ruhha. Hija qabdet sikkina f'idha biex tbezzghu tant li kien hu stess li resaq ghal fuqha u spicca ferut.

Illi mandankollu, l-Qorti qeghda tistrieh fuq il-verzjoni tal-imputata biss, stante li ma tresqet l-ebda prova ohra li jindika l-kuntraju ta' dak li qalet u dan maghdud mal-fatt li l-parte civile ghazel li ma jixhidx. Il-Qorti thoss li ghandu jigi rilevat f'dan l-istadju li d-dritt ta' legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamanetali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Waqt li l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha li fil-mument ikun hemm it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Illi bla dubju ta' xejn, fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tara li kien hemm dawn il-kundizzjonijiet u ghalhekk tara li l-imputata agixxiet ghad-difiza taghha stess.

**Decide**

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti ma ssibx lill-imputata AB hatja ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u ghaldaqstant tilliberaha minn kull htija u piena.**

**Dr Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**

**Deputat Registratur**